MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 1267/2012

**Maria Antonia sive Ninette sive Antoinette Baldacchino**

**Vs**

**Joseph Baldacchino**

Din hi sentenza parzjali dwar it-tieni u tielet eccezzjoni tal-attrici ghar-rikovenzjoni tal-konvenut. L-eccezzjonijiet jaqraw:-

*"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti peress illi donnu qed jintalab varjazzjoni/kancellament ta' obbligazzjonijiet*

*naxxenti minn kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk a ternur ta' Avviz Legali 397/2003 kif emendat b'dawk numru 9/2004, 181/2006 u 186/2006 hija l-Qorti Civili Sezzjoni Familja li ghandha gurisdizzjoni tiddeciedi din il-vertenza.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet huma inkompatibbli u konfliggenti stante li jistax ikun li kuntratt ikun in parte null u in parte tajjeb minhabba pressjoni fizika u psikologika."*[1]

Permezz tar-rikovenzjoni[2] l-konvenut qieghed fost'affarijiet ohra jitlob li l-qorti tiddikjara u tordna li:-

i. Il-kuntratt ta' separazzjoni tal-15 ta' Dicembru 2010 pubblikat min-nutar Dr Alexander Sciberras Trigona huwa *in parte* null u nvalidu, illegali u bla effett ghaliex waqt il-proceduri kontenzjuzi bejn il-partijiet saret pressjoni fizika u psikologika fuq il-konvenut biex jiffirma l-att. Dan b'mod partikolari fejn jirrigwarda t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti (talba numru 1 u 2 tar-rikonvenzjoni)
ii. Ic-cirkostanzi tal-konvenut inbidlu radikalment peress li zzewweg lis-siehba li kellu ghall-iktar minn 20 sena u huwa missier ta' tett itfal. Dan 'il fatt ma jiggustifikax li l-attrici tinghata iktar manteniment u l-attrici ghandha l-obbligu li jekk ghandha htiega finanzjarja, issib impjieg u mhux tiddependi mill-konvenut. Inoltre, peress li l-kontendenti ddivorzjaw m'ghandu jkun hemm ebda obbligu tal-konvenut li jaghti xi manteniment lill-attrici li maghha m'ghandu l-ebda rabta fattwali.
Dawn huma t-talbiet rilevanti ghal dak li jikkoncerna t-tieni u tielet eccezzjoni tal-attrici.

Il-qorti rat l-atti li jinkludu n-noti ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-kontendenti.

**<u>Fatti</u>**.

1. Il-kontendenti zzewwgu fl-10 ta' Gunju 1974.

[1] Fol. 39.
[2] Fol. 23-36.

2. Infirdu permezz ta' kuntratt pubblikat fil-15 ta' Dicembru 2010 min-nutar Dr Alexander Sciberras Trigona.
3. Fil-kuntratt, fost'affarijiet ohra, jinghad li:-

(a) Ir-ragel obbliga ruhu li jixtri vettura lill-martu tat-tip Citroen C1 u *"jorganizza ghas-spejjez tieghu ix-xogholijiet fil-fond ossija il-flat ufficjalment numerat internament hamsa (5) fil-blokk esternament bin-numru mija u hamsa u sebghajn (175), Liedna Street, Fgura, jgifieri li jsiru l-aperturi bl-aluminium, isir madum gdid fil-kamra tal-banju u mal-art ta' kull kamra, isir tibjid u isir it-tikhil kullimkien gewwa u barra, tigi installata kamra tal-banju gdida, issir membrane fuq il-bejt u jitrangaw il-bibien interni u, fejn hemm hazin, jinbidel il-plumbing u l-elettriku, b'dan li kollox ikun lest sa zmien sena millum."*(klawzola 13)[3].
(b) Il-ftehim jibqa' validu fl-eventwalita' li z-zwieg tal-partijiet jigi dikjarat null jew xolt (klawzola 17)[4].
4. L-attrici pproponiet il-kawza ghaliex issosnti li l-konvenut hu inadempjenti fl-obbligu li jixtrilha l-vettura u jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tax-xiri u tqeghid ta' madum fl-appartament. Ghalhekk qeghda titlob li l-konvenut jigi kkundannat jwettaq l-obbligi fi zmien li tiffissa l-qorti u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' sbatax-il elf mija u wiehed u tmenin ewro (17,181) li jirraprezenta l-prezz tal-vettura u madum.

**<u>L-Ewwel Eccezzjoni</u>**.

1. Mit-tielet talba tar-rikonvenzjoni hu evidenti li l-konvenut jippretendi li din il-qorti tirrevedi dak li ftehemu l-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni dwar manteniment, minhabba li jsostni li c-cirkostanzi finanzjarji tieghu nbidlu u llum il-kontendenti huma ddivorzjati.
2. Il-kawza li pproponiet l-attrici m'ghandha x'taqsam xejn mal-manteniment.

---
[3] Fol. 8-9.
[4] Fol. 9.

3. Il-kuntratt ta' separazzjoni gie ppubblikat wara l-awtorizazzjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). M'hemmx dubju li jekk jezisti xi dritt li jigi rivedut dak miftiehem dwar il-manteniment (klawzola 4 tal-kuntratt), dan l-ezercizzju jrid isir quddiem dik il-Qorti. F'dan ir-rigward ir-regolament 9 tal-Avviz Legali 397 tal-2003 (S.L. 12.20)[5] hu car gialadarba fil-kaz ta' ***"bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' separazzjoni personali jew minn kuntratt ta' separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta' divorzju"***, il-process jibda bil-proceduri ta' medjazzjoni u wara b'kawza quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja.). Ghalkemm skond ma ntqal mill-konvenut hu ddivorzja mill-attrici, dan ma jbiddel xejn. L-istess regolament jikkontempla l-istess procedura f'kaz ta' divorzju.

Lill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghandhom, skond l-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Civili (Avviz Legali 396 tal-2003 – L.S. 12.19) jigu assenjati kawzi li jaqghu fil-kompetenza ta' dik il-qorti u li ghandhom x'jaqsumu mat-Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili. It-Titolu 1 jitratta, fost'affarijiet ohra, dwar id-dmirijiet bejn il-mizzewwgin u fuq il-firda bejn ir-ragel u l-mara.

**<u>Tieni Eccezzjoni.</u>**

1. Il-qorti taqbel mal-argument tal-attrici li m'huwiex possibbli ghall-konvenut li jimpunjaw l-validita' tal-kuntratt ta' separazzjoni *in parte*. Talba li fil-fehma tal-qorti hi wkoll inkompatibbli ma' dak li qieghed jintalab fit-tielet talba tar-rikonvenzjoni.
2. Il-konvenut jallega li giet ezercitata pressjoni fizika u psikologika fuqu li wasslitu biex jiffirma l-kuntratt. M'huwiex legalment koncepibbli li jkollok rexxissjoni ta' parti minn kuntratt minhabba li l-kunsens ta' wahda mill-partijiet jkun vizjat. Fil-fatt l-Artikolu 1209(1) tal-Kodici Civili jipprovdi li: *"Bir-rexxissjoni ta' kuntratt, jekk il-ligi ma tiddisponix xort'ohra, il-partijiet jigu mqieghda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim."*.

[5] Regolamenti dwar il-Qorti Civili (Sezzjnoi tal-Familja), Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja).

3. L-Artikolu 1211 tal-Kodici Civili jipprovdi ghall-kazijiet fejn jista' jintalab ir-rexxissjoni ta' parti biss mill-att[6]. Certament li l-kaz in ezami ma jikkwalifikax bhala tali.
4. Inoltre m'hemmx dubju li l-obbligazzjonijiet li assuma r-ragel ma jistghux jitqiesu b'mod izolat mill-klawzoli l-ohra tal-kuntratt. Il-pubblikazzjoni tal-kuntratt jkun precedut minn stadju ta' negozjati li jsiru bejn il-partijiet. Jaf jaghti l-kaz li kieku l-obbligazzjoni oggett ta' din il-kawza ma kenitx inkluza fil-kuntratt, l-attrici ma kenitx tiffirma l-kuntratt ta' separazzjoni. Ghalhekk wiehed ma jistax jara b'mod izolat il-klawzoli biss li jolqtu lill-konvenut.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi billi:-**

**1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni fir-rigward tat-tielet talba tar-rikonvenzjoni, in kwantu talba ghall-varjazzjoni ta' dak pattwit f'kuntratt ta' firda personali dwar manteniment ghandha ssir quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u ghalhekk tiddikjara li m'ghandhiex kompetenza biex tikkunsidra t-tielet talba.**

**2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni fir-rigward tal-ewwel u tieni talba tar-rikonvenzjoni u ghalhekk tichad l-istess.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut**.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[6] *"Jekk att ikun fih zewg taqsimiet jew izjed li ma jkollhomx x'jaqsmu whda ma' l-ohra, tista' tintalab ir-rexxissjoni ta' wahda biss minn dawk it-taqsimiet."*.